ŻEBBUĠ

**Minuti tas-Seduta Nru. 25/13**
***Kienet addottata Aġenda nru. 20/2013***

**Iltaqa' fil-bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: It-Tlieta, 5 ta' Novembru 2013**

**Ħin: Fil-5.30 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sur Nicky Saliba – Sindku**
- **Is-Sur Mario Cassar – Viċi Sindku**
- **Is-Sur Joseph Camilleri – Kunsillier**
- **Is-Sur Victor Refalo – Kunsillier**
- **Is-Sinjura Maria Saliba – Kunsilliera**
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Ippresjeda l-laqgħa s-Sindku s-Sur Nicky Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba mis-Sindku u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 24/13

Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 24/2013 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI LAQGĦA BIN-NRU. 24/13

Dwar il-problema tal-qlib tal-ilma quddiem ir-residenza Opal fi Triq il-Ponta, is-Segretarja Eżekuttiva poġġiet fuq il-mejda tal-kamra l-istima tal-Perit – stima tax-xogħol €6,307.47. Il-Kunsill approva x-xogħol tat-tarmak fi Triq il-Ponta.

Dwar it-talba bix jitqatta' blat fi Triq Ħabel it-Twil, il-Perit ikkonferma li tali blat huwa reġistrat bħala art pubblika li tiġi parti mit-triq. Ġie deċiż li ssir stima tax-xogħol biex jitqatta' l-blat.

Dwar Memo 21/2013 – telefon ċellulari tal-Kunsilli Lokali, il-Kunsill approva x-xiri ta' linja tat-telefon mingħand il-Kumpanija GO għall-prezz ta' €63.86 fix-xahar.

## 4. MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN LAQGĦA BIN-NRU. 44/13

Il-minuti tal-laqgħa bin-nru. 44/2013 tat-Tlieta 15 ta' Ottubru 2013 tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn ittieħdu bħala approvata mill-Kunsill.

## 5. KORRISPONDENZA

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza-:

Memo 26/2013 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar il-ħatra ta' ambaxxatur fil-Kunsill Lokali. Kien miftiehem li jsir kuntatt mal-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ dwar il-ħatra ta' żagħżugħ/a mill-lokalita'.

Memo 25/2013 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar skema inizjattivi ta' attivitajiet għall-2013-2014.

Il-Kunsillier Victor Refalo rtira mill-kamra tal-laqgħat.

Ittra mibgħuta mill-Kumpanija GO dwar it-tneħħija ta' diversi *payphones* mill-lokalita'. Il-Viċi Sindku ppropona u l-Kunsill qabel li tintbagħat ittra lill-Kumpanija GO dwar it-*telephone booths* ħomor biex isir restawr ta' dawn il-*booths.*

Ittra mibgħuta mill-Iskola Primarja Żebbuġ dwar il-festa ta' San Martin fl-iskola. Kien maqbul li tingħata borża ta' San Martin lit-tfal kollha li jattendu l-iskola taż-Żebbuġ.

Kien diskuss kwestjonarju tal-Ministeru għall-Familja u Solidarjeta' Soċjali dwar il-bżonnijiet soċjali fil-lokalita'.

Ittra mibgħuta mill-Aġenzija Żgħażagħ dwar il-proġett Kunsilli Lokali Żgħażagħ 2013-2014. Il-Kunsill qabel li juri l-interess tiegħu fil-proġett.

Ittra mibgħuta mill-Gozo Action Group dwar l-applikazzjoni tal-Kunsill taħt il-Fond M125.

Ittra mibgħuta mill-Moviment Kerygma dwar il-Premju Żagħżugħ/a tas-sena 2013.

Komunikat mibgħut minn Angelique Muller dwar it-teħid ta' filmati fil-limiti taż-Żebbuġ. Ma kienx hemm oġġeżżjonijiet għat-talba.

Ittra ta' Anton Mizzi dwar il-ħin tal-ftuħ tal-librerija nhar ta' Sibt.

## 6. MOZZJONIJIET

Mozzjoni nru. 01/2013

Proponent il-Viċi Sindku Mario Cassar

Sekondant is-Sindku Nicky Saliba

Ippropona li l-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ Għawdex jitlob is-Segretarjat Parlamentari u l-Ministeri konċernati d-devoluzzjoni tal-Batterija ta' Santa Marija ġewwa l-Qbajjar limiti tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ sabiex ikun jista:

- jipproteġi b' mod immedjat il-fortifikazzjoni;
- jikkonserva l-istess struttura;
- eventwalment jirrestawra l-binja u jagħtiha lura lill-poplu bħala wirt arkitettoniku storiku ta' żmien l-ordni filwaqt li jagħmel użu edukattiv u kulturali minnha.

Il-Kunsill iddeċieda li qabel jinbdew il-proċeduri għad-devoluzzjoni tas-sit, isiru l-verifiki biex ikun magħruf jekk il-post għadux mikri lill-privat.

## 7. APPROVAZZJONI TAL-KONTIJIET

Skeda tal-ħlasijiet bin-nru. 18/2013 – DOK A għall-perijodu bejn is-27 ta' Settembru u l-31 ta' Ottubru 2013 kienet approvata.

## 8. SEJĦIET GĦALL-OFFERTI U KWOTAZZJONIJIET

### TINDIF U ŻAMMA TAL-LATRINA PUBBLIKA TAŻ-ŻEBBUĠ

Is-Segretarja Eżekuttiva għarrfet lil-kamra li ntefgħu żewġ offerti għall-Kuntratt tat-tindif u żamma tal-latrina pubblika taż-Żebbuġ. Qalet li l-offerti huma ta', bil-valur ta':

| | |
|---|---|
| Paul Caruana | €7,220 għal sena |
| Josephine Vella | €5,600 għal sena. |

Iż-żewġ offerti kellhom *bid bond* valida.

Il-Kunsill għażel l-offerta ta' Josephine Vella li kienet l-irħas waħda.

## TINDIF U ŻAMMA TAL-PLAYING FIELD TAŻ-ŻEBBUĠ U L-*PROMENADE* TAL-QBAJJAR

Is-Segretarja Eżekuttiva għarrfet lill-kamra li ntefgħu erba' offerti għall-kuntratt tat-tindif u żamma tal-*playing field* taż-Żebbuġ u l-*promenade* tal-Qbajjar. Qalet li l-offerti huma ta', bil-valur ta':

| | *Playing field* Żebbuġ | *Promenade* Qbajjar |
|---|---|---|
| Paul Caruana | €1,908 | €4,956 |
| Carmel Axiaq | €16,220 | €80,566 |
| Marica Sultana | €3,000 | €4,400 |
| Anthony Borg | €3,577 | €9,065 |

L-offerti kollha kellhom *bid bond* valida.

Il-Kunsill ftiehem li jitlob il-parir tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali peress li l-irħas offerta kellha n-*non collusive tendering certificate* mhux iffirmat.

## PROVVISTA U INSTALLAZZJONI TA' BANKIJIET U GĦAMARA OĦRA FI TRIQ MONS DE PIRO

Is-Segretarja Eżekuttiva għarrfet lill-kamra li ntefgħu erba' offerti għall-kuntratt tal-provvista u installazzjoni ta' bankijiet u għamara oħra fi Triq Mons De Piro. Qalet li l-offerti huma ta', bil-valur ta':

| | | |
|---|---|---|
| FGL Commercial Sales | | €6,969,20 |
| Anthony Zarb | Opt A | €5,513 |
| | Opt B | €6,006.20 |
| | Opt C | €5,784.28 |
| | Opt D | €6,092.60 |
| | Opt E | €4,930.04 |
| Road Construction Co Ltd | | €9,032 |
| | | €7,972 |

Rapa Showroom Co Ltd €9,543.66

L-offerti kollha kellhom *bid bond* valida.

Il-Kunsill għażel l-offerta ta' Anthony Zarb li kienet l-irħas offerta.

Ġew magħżula l-*items* li kienu ser jinxtraw bil-kuntratt ta' Anthony Zarb.

**PROVVISTA, INSTALLAZZJONI, TĦADDIM U MANUTENZJONI TA' *ON LINE STREAMING* TAL-LAQGĦAT TAL-KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ**

Is-Segretarja Eżekuttiva fetħet it-tlett kwotazzjonijiet sottomessa għal provvista, installazzjoni, tħaddim u manutenzjoni ta' *on line streaming* tal-laqgħat tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ. Is-Segretarja Eżekuttiva għandha tagħmel *schedule of bids* tal-kwotazzjonijiet sottomesa għal laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

## 9. MILIED 2013

Dan l-*item* ma kienx diskuss.

## 10. ILMENTI U SUĠĠERIMENTI

Dwar talba **Nru. 50/2013**, il-Kunsill approva li tinbidel il-bankina ta' mar-residenza Melbourne Hse fi Triq Skapuċċina u ssir tal-*bricks*.

**Nru. 71/2013 – Teresa Cefai**
Talbet biex issir bankina quddiem *farmhouse* fi Triq il-Kaċċaturi. Talba approvata mill-Kunsill.

**Nru. 72/2013 – Rosa Cini**
Talbet biex titranġa rampa ta' garaxx fi Triq il-Kaċċaturi. It-talba kienet approvata.

**Nru. 73/2013 – Anthony Cini**
Tinkesa bil-konkos triq qalb l-egħlieqi fl-inħawi ta' Kuljat (daqs għoxrin metru konkos). Talba approvata mill-Kunsill.

**Nru. 74/2013 – il-Viċi Sindku Mario Cassar**
Biex għal żmien il-Milied, isir *banner* fi Triq iż-Żebbuġ u fih jingħata spazju lil dawk li ser ikollhom presepji għall-wiri fil-lokalita'. Ġie deċiż li jsir avviż fil-bullettin tal-parroċċa.

## 11. AFFARIJIET OĦRA

Il-Kunsill iddeċieda li jitlob laqgħa mal-Awtorita' dwar l-Ambjent u l-Ippjanar Heritage Unit dwar l-għoli tal-bini fil-*conservation area*.

Il-Kunsill approva:

- ħarġa għal Malta fl-aħħar ġimgħa ta' Novembru.
- li titwassa' l-bankina ta' ma' bini qadim faċċata tar-residenza 24, fi Triq il-Madonna taċ-Ċiċri.
- t-tindif ta' Triq Għajn Quċċat – stima ta' Richard Axiaq €190.
- l-kisi bil-konkos ta' parti mit-triq Ta' Tutiet – stima ta' Paul Caruana, ma tinkludix il-konkos u x-xibka €3,840.
- x-xiri ta' *safety shoes* lill-ħaddiema mill-iskema tal-ETC.

## 12. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ntemmet fid-8.45 ta' filgħaxija. Il-Kunsill aġġorna *sine die*.

| | |
|---|---|
| Nicky Saliba | Diane Tagliaferro |
| Sindku | Segretarja Eżekuttiva |